Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0175

Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda: emenda tal-Artikolu 36

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2026 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni, tal-emenda tal-Artikolu 36 tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (15592/2025 – C10-0001/2026 – 2025/0193(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (15592/2025),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' emenda tal-Artikolu 36 tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda (15592/2025),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0001/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni fil-forma ta' ittra tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A10-0101/2026),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu biex l-emenda tal-ftehim tiġi approvata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.